C/2024/6772

5.11.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Kawża M.11769 – VMAG / NOA)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/6772)

1. Fit-23 ta' Ottubru 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Van Mossel Automotive International B.V. (iktar 'il quddiem "VMAG"), in-Netherlands

— Nord-Ostsee Automobile SE &CO. KG (iktar 'il quddiem "NOA"), il-Ġermanja.

VMAG se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' NOA kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni se sseħħ permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— VMAG hija attiva fil-bejgħ ta' karozzi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief ġodda u użati ta' diversi marki permezz ta' postijiet tal-bejgħ fin-Netherlands, il-Belġju, Franza, il-Lussemburgu, il-Ġermanja, ir-Renju Unit u d-Danimarka. VMAG hija s-sid ukoll ta' ħwienet tat-tiswija tad-danni madwar il-Belġju u n-Netherlands. Barra minn hekk, il-VMAG toffri servizzi relatati (bħall-kiri tal-karozzi, il-lokazzjoni finanzjarja u l-lokazzjoni tal-operat) u hija preżenti fis-suq ta' wara l-bejgħ ta' parts u aċċessorji tat-tagħmir oriġinali,

— NOA hija attiva fil-bejgħ ta' karozzi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief ġodda u użati. NOA toffri wkoll xogħlijiet ta' manutenzjoni u tiswija għall-karozzi tal-passiġġieri kif ukoll għat-trakkijiet. Barra minn hekk, NOA toffri servizzi relatati (bħall-kiri tal-karozzi) u hija preżenti fis-suq ta' wara l-bejgħ ta' parts u aċċessorji tat-tagħmir oriġinali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' koċentrazzjonijiet bejn l-impriżi [2] jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11769 – VMAG / NOA

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir- "Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË